

# Bormla u l-Arloġġ Waħdieni Tagħha

Dr. Simon Mercieca

Il-preżenza ta' arloġġ fuq il-faċċata tal-knisja ta' Bormla hija waħda qadima ħafna. Meta bdiet tinbena l-knisja l-ġdida, kellha arloġġ fuq il-faċċata tagħha. L-ewwel arloġġ tal-knisja jmur għal qabel l-1684, jiġifieri d-data ta' meta bdiet tinbena dik il-ġdida. Dan l-arloġġ qadim kien reġa' tqiegħed fuq il-faċċata ta' din il-knisja ġdida. Bħalma jiġri f'kull ħaġa mekkanika, maż-żmien beda jinħass il-bżonn li jinbidel. Dan il-bżonn ma kienx ġej biss mill-'*wear and tear*' tal-oġġett, iżda wkoll mill-fatt li wieħed ikun jixtieq li jkollu arloġġ aktar modern u preċiż. Kien żmien meta l-knisja kienet litteralment iżżomm il-ħin għaliex ftit kienu dawk il-familji li kellhom arloġġ id-dar. L-arloġġ tal-knisja kien imexxi l-ħajja tan-nies.

Fis-seklu tmintax, in-nies ta' Bormla riedu arloġġ aktar modern u jagħti l-ħin b'mod aktar preċiż. Dan l-arloġġ ġdid ġie ordnat fis-sena 1788 u qam 380 skud. Il-persuna li ħa ħsieb ix-xogħol fuqu, għan-naħa tal-knisja, kien il-prokuratur tal-istess knisja, Don Giuseppe Cascun. Ix-xogħol għamlu Gio Antonio Tanti minn Ħal Tarxien. Dan Tanti kien it-tifel ta' arluġġar ieħor, Pietro Tanti. Ġie miftiehem, li dan l-arloġġ ġdid jitqiegħed eżatt fejn qabel kien hemm l-ieħor il-qadim.[1]

Dan Gio Antonio Tanti kien ġej minn familja ta' arluġġara. Missieru, Pietro, kien għamel numru ta' arloġġi żgħar, magħrufa bħala tal-gradenza, iżda wkoll kien ħadem fuq dawk tal-knejjes, fosthom dak tad-Duminkani tar-Rabat.

It-tifel ta' Pietro, Gio Antonio, intefa' b'ruħu u b'ġismu jagħmel l-arloġġi għall-knejjes, barra li daħal għas-sengħa ta' brunżar, u nsibuh jagħmel kandlieri tal-bronż, brazzi u anki qniepen.[2] Ismu ser nerġgħu niltaqgħu miegħu meta nitkellmu fuq l-istorja tal-qniepen f'Bormla fil-bidu tas-seklu dsatax. Fost l-arloġġi li Gio Antonio Tanti għamel kien hemm dak tal-knisja katidrali, tal-palazz tal-isqof, il-knisja tal-Kappuċċini tal-Furjana, u dawk tal-parroċċi tal-Qrendi, l-Imqabba, in-Naxxar, Birkirkara, Tarxien, Lija, l-Isla u Ħal Għaxaq. Dak ta' Bormla għamlu f'sena fl-1788. Dan l-arloġġ offrilu waħda



*Ritratt ta' arloġġ li għadu juri dawk li kienu jissejħu s-sigħat tal-Italja jew fil-qosor "alla Romana"*

mill-aktar sfidi f'dik li hija sengħa ta' arluġġar.

Il-kuntratt għal dan l-arloġġ sar min-nutar Francesco Saverio Zammit nhar 18 ta' Settembru 1788 u ġie ffirmat fil-knisja ta' Bormla fil-preżenza tal-prokuratur, l-arluġġar u x-xhieda. Ix-xogħol inbeda mill-arluġġar it-Tnejn ta' wara mill-miftiehem,[3] jiġifieri nhar 1 ta' Ottubru 1788.[4] Ix-xogħol fuq dan l-arloġġ kien ħa erba' xhur. Dan iż-żmien inkluda wkoll iż-żmien li ħa l-arluġġar biex jimmuntah fuq il-kampnar.[5] Bħalma jiġri dejjem, fil-kuntratt li l-arluġġar kien għamel mal-prokuratur tal-knisja, barra l-prezz kien ikun stabbilit iż-żmien meta kellu jitlesta dan ix-xogħol u l-modalità tal-ħlasijiet.

L-arloġġ ġie mqiegħed fil-kampnar fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1789. Ix-xogħol fuq l-arloġġ kien qam 380 skud. Kienu tħallsu wkoll 28 skud u 6 tari għax-xogħol fuq il-ħadid ħalli magħhom kienu jistgħu jitwaħħlu l-qniepen li kellhom idoqqu s-siegħat u l-kwarti. Ix-xogħol fuq dan il-ħadid kien sar minn Giacomo Cassar. Kif kienet id-drawwa f'dik il-ħabta, min għamel l-arloġġ kien ħa responsabbiltà għall-ħlasijiet tal-ispejjeż l-oħra kollha marbuta miegħu. B'hekk naraw lil Gio Antonio Tanti, permezz ta' att nutarali, jħallas lil Cassar is-somma ta' 31 skud u 10 tari għax-xogħol fuq dan il-ħadid. Iżda Tanti seta' jħallsu biss wara li kien lesta x-xogħol u ħa dak li kellu jieħu ta' xogħlu mingħand il-prokuratur Cascun.[6]

Min-naħa tagħha, il-parroċċa ta' Bormla kienet kuntenta ħafna bix-xogħol ta' Tanti tant li rigal ta' 50 skud.[7] Fil-kuntratt oriġinali li sar bejn Tanti u l-prokuratur Cascun, dawn ftehmu li l-arluġġar jitħallas bin-nifs, bir-rata ta' 8 skudi kull Sibt. Is-Sibtijiet bdew jgħoddu mill-ewwel Sibt ta' wara l-iffirmar tal-kuntratt. L-ispejjeż tal-ħbula u l-pittura taż-żewġ kwadranti fuq il-faċċata, waħda minnhom kienet ta' fejn tqiegħed l-arloġġ, kellhom jitħallsu mill-knisja.[8] B'hekk kellu jitqabbad artista biex jagħmel dawn id-dekorazzjonijiet.

L-arluġġar tħallas fi tliet rati ta' pagamenti, bl-ewwel wieħed isir fit-12 ta' Jannar 1789, it-tieni fil-12 ta' Frar ta' 1789 u t-tielet fit-12 ta' Marzu 1789.[9] B'kollox dan l-arloġġ kien ġie li qam 458 skud u 6 tari. Dan il-prezz inkluda r-rigal ta' ħamsin skud li ngħata l-arluġġar u anki spejjeż oħra għal xiri ta' ħadid għal dan l-arloġġ.[10]

Għal dan l-arloġġ kienu ġew ordnati żewġt iqniepen minn Venezja. Din l-ordni saret kontemporanjament mal-ordni tal-arloġġ, għaliex dawn kienu f'Malta fl-1789. Dawn kienu ġew mqiegħda fil-kampnar tax-xellug biex idoqqu s-sigħat u l-kwarti. Dawn il-qniepen waslu Malta permezz tal-ħidma sfiqa ta' Antonio Chetcuti. Chetcuti kien ħa ħsieb ix-xiri u l-wasla tagħhom fi żmien meta l-prokuratur tal-knisja, jew aħjar tal-Veneranda Lampada, kien Dun Giuseppe Cascun. Il-ħlas tagħhom baqa' jkarkar sal-1790.

Fil-kuntratt magħmul għand in-nutar Zammit, l-arluġġar ġie marbut li jagħmel arloġġ idoqq "*alla Romana*". Dan kien ifisser li dan l-arloġġ kellu jaħdem u jdoqq skont kif kienu jdoqqu l-arloġġi ta' Ruma. Skont studju li kien għamel il-Professur Severino fl-2004, fl-Italja kollha kien baqa' biss 44 arloġġ li kienu jaħdmu *alla Romana* u dawn kienu jinsabu fl-Italja Ċentrali u dik tan-naħa t'isfel.

Aktar importanti minn hekk, din l-espressjoni kienet tirreferi wkoll għas-sistema mekkanika ta' kif kien jaħdem dan l-arloġġ. Din żviluppat fis-seklu sittax f'Ruma. Il-ħin kien ikkalkulat differenti mill-mod kif nikkalkulawh illum. L-erbgħa u għoxrin siegħa kienu jinħadmu minn tlugħ ix-xemx sa tlugħ ieħor. Il-kuntratt ħa dan il-fatt inkonsiderazzjoni għaliex l-arluġġar kien ġie obbligat li jagħmel arloġġ li jkollu bżonn

jieħu il-ħabel kull 26 siegħa. B'hekk il-knisja kienet qed tiggarantixxi li jkollha arloġġ jaħdem għal erbgħa u għoxrin siegħa sħaħ. Din kienet xi ħaġa kbira f'dik il-ħabta. L-arluġġar biex jagħmel dan it-tip ta' arloġġ ried bilfors ikollu għarfien ta' kif kienu qed jinħadmu dawn l-arloġġi ġewwa Ruma u fl-Italja.[11]

Arloġġ *alla Romana* normalment kien ikollu l-kwadrant (jew il-faċċata tiegħu) maqsum f'sitta u mhux fi tnax bħalma aħna mdorijin naraw illum. Fi kliem aktar semplici fuq wiċċ l-arloġġ kien ikun hemm minn wieħed sas-sitt numru biss. Dawn kienu jkunu miktuba b'numri Latini. L-arloġġ kien ikollu fih id waħda biss – dik li turi s-sigħat. Ma kienx ikolli l-minutiera u wisq inqas is-sekondiera. B'hekk l-id tas-sigħat f'dan l-arloġġ ta' Bormla kienet iddur erba' darbiet f'ġurnata. Iżda mhux kulħadd kien jaf eżatt "*alla romana*" xi tfisser, tant li n-nutar daħal fid-dettal ħalli jispjegaha. Għar-raġuni ta' storja, ser inġib din id-deskrizzjoni kif mogħtija fil-kuntratt bit-Taljan u mbagħad nagħti l-ispjegazzjoni wara:



*Arloġġ fl-Italja, fir-raħal ta' Pianezza li għadu jaħdem bil-metodu "alla Romana". Wieħed jinnota li l-kwadrant hu b'sitt numri biss*

*Il suo castello di ferro nuovo le prime tre rote di rame giallo fino di grossezza linee due e mezza, le seconde tre di simil rame di grossezza di due linee, la rota chiamata serpe, pure di simil rame di grossezza tre linee e mezzo, con tutti li poli d'acciajo, e che lavorino dentro dadi di rame giallo fino e con suoi due quadranti e dev esser di longezza cinque palmi circa, larghezza di due palmi e mezza, e dell'altezza di cinque palmi, e giusta richiede l'arte sua l'orologgiere, e deve suonare ori, e quarti all romana, e giunti, che saranno l'ore undici e tre quarti, tanto di giorno, che di notte deve suonare dett'orologgio venti tre tocchi circa, e nell' ore di mezzodi, e mezza notte debba suonare dodici tocchie e debba portar sua corda sino l'ore e venti sei;*[12]

Fi kliem ieħor, il-prokuratur kien qed jitlob arloġġ li jdoqq kif kienu jdoqqu fl-Italja. Din is-sistema kellha l-obbligi tad-daqq partikolari tagħha, li ttieħdu inkonsiderazzjoni f'dan il-kuntratt li sar mill-prokuratur ma' Tanti. B'hekk dan l-arloġġ kellu żewġ sistemi ta' daqq. L-ewwel waħda marbuta mas-sigħat. Din kienet ikkalkulata min-nofsillejl sa nofsinhar, fejn fis-siegħa jindaqq tokk u sakemm jasal nofsinhar u jindaqqu tnax-il tokk. B'hekk l-arloġġ, meta kienu għamel żewġ dawriet sakemm jasal biex idoqq tnax-il tokk. Fi kliem sempliċi fuq in-numru wieħed kien idoqq kemm tokk wieħed biex iħabbar is-siegħa ta' filgħodu jew wara nofsinhar u sebgħa biex iħabbar is-sebgħa ta' filgħodu jew ta' filgħaxija. Dan kien qed jiġri għaliex l-arloġġ kien jagħmel erba' dawriet mal-ġurnata. B'hekk il-ħin tal-ġurnata kien maqsum f'erba' perjodi ta' sitt sigħat-il wieħed. Fi kliem ieħor, in-numru sitta fuq l-arloġġ kien idoqq sitta tokki biex iħabbar is-sitta ta' filgħodu

jew filgħaxija iżda wkoll tnax-il tokk għaliex nofsinhar u nofsillejl kienu mmarkati fuq in-numru sitta.

It-tieni sistema marbuta ma' dan l-arloġġ kienet dik fejn sigħat qed ikunu kkalkulati minn tlugħ ix-xemx sa nżulha u minn nżulha sakemm terġa' titla'. B'hekk, il-prokuratur ħa inkonsiderazzjoni dak li llum hu magħruf bħala l-"*orario italico*", jiġifieri l-arloġġ kien qed ikun issettjat skont il-bżonnijiet reliġjużi, fejn l-erbgħa u għoxrin siegħa kienet qed tkun marbuta ma' nofs siegħa wara ż-żerniq (tramonto) fl-Italja. Fil-każ ta' Malta, minħabba li tinsab fuq lattitudinali lonġitudinali aktar l-isfel mill-Italja, dan il-ħin kien ġie marbut ma' kwarta qabel iż-żerniq jew "*tramonto*". Fi kliem ieħor, id-daqq tal-arloġġ kien qed jieħu nkonsiderazzjoni l-ħin tal-*Ave Maria*. Dan kien ifisser li l-arloġġ ried idoqq anke l-Ave Maria kwarta qabel is-sitta ta' filgħaxija, jiġifieri ħdax-il siegħa u tliet kwarti minn tlugħ ix-xemx u fis-sitta' nieqsa kwart ta' filgħodu jew l-għabex, li hu ħdax-il siegħa u tliet kwarti miż-żerniq jew inżul ix-xemx.

L-arluġġar intrabat għal sena li jieħu ħsiebu u jagħmel ix-xogħol neċessarju ta' manteniment fuqu. Wara l-ewwel sena, kull xogħol ta' tiswija fuqu kienet tkun fl-obbligu tal-knisja ta' Bormla. Fi kliem sempliċi, il-knisja kellha tħallas għaliha għaliex il-garanzija fuqu tispiċċa.

Il-ħafna dettalji li fih dan il-kuntratt juri li min kien qed jordna dan l-arloġġ kien jaf xogħlu sew. Il-materjal primarju kien dak tar-ramm, azzar u ħadid. Jissemma' anki l-użu tar-ramm isfar fin. Iżda kien hemm inkluż ukoll il-faħam u l-injam, materjal meħtieġ għall-forġa biex jinħadem il-metall.

Kien minħabba r-riformi li seħħew fi Franza fi żmien Napuljun, li dawn l-arloġġi *alla romana* ma baqgħux moda. Minflok, l-arloġġi tas-seklu dsatax kienu influwenzati mill-istil Franċiż. Din l-influwenza daħlet f'pajjiżna. L-arloġġi issa bdew kollha jkunu bi tnax-il numru fuq il-kwadrant tagħhom, u n-numri ma baqgħux jinkitbu b'ittri Latini. Minflok, in-numri Għarab bdew jintużaw – jiġifieri n-numri li nużaw illum. Dan l-arloġġ bi tnax-il numru sar magħruf bħala '*alla francese*". Il-komputerazzjoni tal-arloġġ ma baqgħetx tkun mgħoddija minn nżul ix-xemx sa nżul ieħor, iżda minn nofsillejl sa nofsillejl ieħor.

Fis-seklu dsatax saru tibdiliet drastiċi fuq dan l-arloġġ ta' Bormla biex jirrifletti ż-żminijiet. Wisq probabli, kien matul dan il-perjodu, li dan inbidel biex ikun juri tnax-il siegħa kif inhu mqassam illum. Żdiedet ukoll il-minutiera. Fuq kollox, il-qniepen tiegħu inbidlu u bdew jintużaw oħrajn li kien hemm fil-knisja ta' San Franġisk ta' Pawla taħt Kordin li twaqqgħet mill-Ingliżi, meta kien għaddej xogħol fuq din ix-xaqliba.

Naħseb li jkun sew u xieraq, li jekk fil-futur isir restawr fuq dan l-arloġġ, dan jerġa' jinġib għall-istat oriġinali ta' kif għamlu Tanti, ħalli b'hekk toħroġ il-partikularità tiegħu u jsir attrazzjoni oħra u differenti li toffri l-belt ta' Bormla li bħala ma ssib imkien ieħor. Hija r-riċerka għal dawn il-partikularitajiet li jistgħu jagħmlu minn Bormla destinazzjoni turistika distinta.

**Referenzi:**

1 Arkivju Nutarili, R 496/11, Nutar Francesco Saverio Zammit, ff. 65r.

2 John Debono, *Art and Artisans in St John's and other Churches in the Maltese Islands ca. 1650-1800, stone carving, marble, bells, clocks and organs*, Malta, 2006, p.336-337

3 Arkivju Nutarili, Nutar Francesco. Saverjo Zammit, R496/11, ff.65v-66r.

4 Debono, p. 373: Arkivju Nutarili, Nutar Francesco Saverio Zammit, R. R496/11, ff. 65-66.

[5] Debono, p. 335.
[6] Arkivju Nutarili, Nutar Francesco Glison, R296/22, f. 1014.
[7] Arkivju Nutarili, Nutar Francesco Saverio Zammit, R496/11, ff. 512v.
[8] Arkivju Nutarili. Nutar Francesco Saverio Zammit, R496/11, ff. 65-66.
[9] Arkivju Nutarili, Nutar F. Glison, R296/21, ff. 295-296
[10] Arkivju Nutarili, Nutar Francesco Saverio Zammit, R 496/11, f. 512r.
[11] http://www.scalve.it/new/2004/OrologioPianezza.htm
[12] Arkivju Nutarili, Nutar Francesco Saverio Zammit, R 496/11, f. 65v.





